**12 ta' Novembru, 1954.**

**Imhallfin:**

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., *President.*
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Francis Camilleri ne. et.**

***versus***

**John Sargeant.**

## Appell — Art. 550 tal-Procedura Civili.

*Il-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti, jew li hija żejda, jew li mhix l-ahjar prova li l-parti tista' ġġib.*

*U hija ġurisprudenza paċifika u kostanti li l-Qorti ta' l-Appell ma tindahalx fid-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda r-regolament tal-provi, jekk ma jkunx hemm xi vjolazzjoni tal-liġi u xi preġudizzju ghal xi hadd mill-kontendenti.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' l-atturi Francis u Jennie sive Giuseppina, miżżewġin Camilleri, li talbu r-revoka tad-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-15 ta' Ġunju 1954, li bih ġiet respinta d-domanda biex l-Avukat Lorenzo Cauchi jagħti x-xhieda tiegħu, billi l-istess domanda tiġi milqugħa; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, skond il-liġi (art. 550 tal-Procedura Civili), il-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti, jew li hija żejda, jew li mhix l-ahjar prova li l-parti

tista' ġġib. Evidentement, l-Ewwel Qorti bbażat ruħha fuq l-imsemmija dispożizzjoni meta rrespinġiet it-talba għassmiegħ bħala xhud ta' l-Avukat Lorenzo Ċauchi bid-digriet impunjat;

Ikkunsidrat;

Illi hija ġurisprudenza paċifika u kostanti ta' din il-Qorti li ma tindaħalx fid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda r-regolament tal-provi, jekk ma jkunx hemm xi vjolazzjoni tal-liġi u xi preġudizzju għal xi ħadd mill-kontendenti. Dik il-vjolazzjoni u dak il-preġudizzju ma jissussistux f'dan il-każ;

Għaldaqstant;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma l-imsemmi digriet tal-15 ta' Ġunju 1954; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.